**30 ta' Novembru, 1964.**

**Imħallfin:**

**S. T. O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C. B.A., LL.D., President**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**

**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Joseph Cachia

versus

Carmelo Conti et.

**Danni — "Damnum Emergens" — "Lucrum Cessans".**

*Kaž fejn ġew likwidati d-danni li sofra wieħed li ġie korrut.*

*It-telf għal perijodu wara l-presentata taċ-ċitazzjoni, mgħandux jidħol fil-kalkolu tat-telf attwali, iżda għandu jittieħed in konsiderazzjoni fil-kalkolu ta' telf futur.*

*Ma ġewx ammessi spejjeż għal dieta extra, waqt li l-korrut kien l-isptar.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza preċedenti tagħha tat-tnejn (2) ta' Marzu, 1964 fejn hemm is-solitu rijassunt tat-talba ta' l-attur u ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u li biha l-appell ta' l-attur mis-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru, 1965, ġie milqugħ, dik is-sentenza ġiet revokata u ġie minflok dikjarat illi r-responsabilita għad-danni subiti mill-attur bħala konsegwenza ta' l-aċċident imsemmi fiċ-ċitazzjoni kiene: in kwantu għall-¾ tal-konvenut u kwantu għall-¼ ta' l-attur u f'dan is-sens ġiet milqugħa l-ewwel talba ta' l-attur bl-ispej.

jeż kontra l-partijiet fl-istess proprozjon u ġie ordnat li l-kawża titkompla quddiem din il-Qorti għal-likwidazzjoni tad-danni.

Rat id-digriet tagħha tas-sittax (16) ta' Marzu, 1964 li bih it-Tabib Psikjatra Dottor Paul Cassar ġie nominat perit biex jirrelata jekk, bħala riżultat tal-konklużżjoni sofferta mill-attur, kienx hemm jew hemmx xi effetti fuq il-personalita tal-attur li jimmenomaw il-kapaċita tiegħu għax-xogħol u jagħmel l-osservazzjonijiet l-oħra li jidhrulu opportuni u rilevanti għall-każ.

Rat ir-relazzjoni ta' dak il-perit ippreżentata fit-tletin (30) ta' Marzu, 1964 u l-verbali tas-seduti u d-depożizzjonijiet tax-xhieda quddiemu.

Semgħet xi xhieda, rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet lill-avukati u kkunsidrat:—

Il-perit psikjatra wasal għall-konklużżjoni illi l-attur isofri minn neurosi bħala riżultat ta' l-inċident tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru, 1958. Fil-waqt li l-amnesija ma tfixkilx lill-attur, is-sintomi l-oħra jimmenomaw il-kapaċita tiegħu għax-xogħol sa ċertu punt u speċjalment jimpeduh li jaħdem f'postijiet għoljin u f'postijiet dojjoq u baxxi (confined spaces).

M'hemmx dubju illi l-infortunju li sofra l-attur bl-inċident fuq imsemmi kien gravi. Bħala konsegwenza tiegħu hu sofra dawn il-lesjonijiet ċioe:— (1) konkussjoni ċerebrali b'telfin tal-koxjenza (loss of consciousness) u eċċitament motorju għal xi granet; u (2) ksur tal-pelvis, tal-femure tax-xellug u tat-tibja u tal-fibula ta' riġlejh il-leminija. Hu dam l-isptar sat-tnejn (2) ta' Marzu, 1959, iżda

anki wara li ħareġ baqa jattendi bħala "out-patient." Salħmistax(15) ta' April, 1959, għalkemm jimxi sewwa, hu kien għadu mhux imfejjaq għal kollox għaliex kellu nuqqas ta' forza f'riġlu l-leminija. Dan in-nuqqas ta' forza jidher li ppersista sa sena jew aktar wara l-inċident.

Dr. A. E. Bartolo xehed fit-tlieta (3) ta' Jannar, 1962 u qal li kien eżamina lill-attur u sabu tajjeb fiżikament: il fratturi kienu fiequ sewwa u ma ħallewx ebda disabilita; iżda, żied jgħid Dr. Bartolo, l-attur kien biddel fil-personalita tiegħu fis-sens li kien jibża jaħdem f'postijiet filgħoli minħabba sturdament u ma setgħax jaħdem f'postijiet ristretti: kien sar timidu u jinkwieta ruħu ħafna fuq l-istat ta' saħtu.

Sa meta eżaminah il perit psikjatra l-attur kien għadu ibati minn dawn is-'sequelae' ta' l-inċident, ċioe:

(1) Telfien tal-memorja għaċ-ċirkostanzi ta' l-inċident u għall-fatti oħrajn, indipendenti mil-inċident, li ġraw qablu u warajh;

(2) 'Sturdament', ċioe għejja kbira fir-ras, xi drabi dardir u rimettar, uġiegħ ta' ras, dwejjaq meta jħoss dawn is-sintomi u ansjeta għax imħabba fihom jista jitlef ix-xogħol jew ikorri waqt ix-xogħol.

(3) Biża, meta jiġi biex jaħdem, ta' postijiet għoljin u nervożita f'postijiet dojjoq u baxxi.

(4) Preokkupazzjoni fuq l-istat ta' riġlejh ("leg conscious") e.g. "meta naħbatha inħossni mdejjaq bl-uġiegħ li nħoss": l-imgħallem ma jibgħatux iġib materjal mill-istore għax idum ma jasal bih: sħabu ma ħallewhx jitla iż-

jed fuq "trestles" għax darba kien sejjer iweġġa waqt li kien tiela fuqhom: darba tajjar biċċa minn subgħajh iż-żgħir ta' idu meta waqa 'fan' fuqu u ma setgħax jagħmel forza u jwarrab fil-pront minħabba riġlejh: il-mara tirrimarka li żewġha "ma baqax jimxi sewwa minħabba riġlejh".

Il-Perit Psikjatra żied jgħid illi dawn il-manifestazzjonijiet psikoloġiċi jikkostitwixxu dak il-kwadru kliniku magħruf bħala "traumatic neurosis" li xi drabi tisviluppa ruħha wara trawmi, speċjalment meta dawna jinvolvu partijiet importanti tal-ġisem bħal ma huma, fil-każ ta' l-attur, ir-ras u r-riġel. Din in-newrożi, fil-fehma tal-perit, hija l-konsegwenza ta' l-inċident soffert mill-attur u tirrappreżenta effett patoloġiku fuq il-personalita tiegħu. Huwa possibbli li s-sintomi ta' din in-newrosi (barra mill-amnesija) għad jonqsu fl-intensita u fil-frekwenza tagħhom fil-futur, iżda l-psikjatra ma jistax jgħid kemm jistgħu jdumu jippersistu u jekk għadx jisparixxu għal kollox. Infatti huwa magħruf fil-psikjatrija illi l-fatturi tal-kroniċita, tal-"compensation" u ta' l-inċertezza ta' l-eżitu tal-litigazzjoni għandhom it-tendenza li jipprolungaw dan it-tip ta' newrosi għal-żmien li ma jistax jiġi determinat.

Fiż-żmien ta' l-aċċident l-attur kien jaħdem bħala "skilled labourer" (painting) fil-Manager Construction Department u wara xi żmien ġie trasferit ma "Bailey (Malta) Ltd." fejn jidher li għadu jaħdem sa issa. Mill-provi li saru jidher li hu kien ħaddiem tajjeb, bieżel u jħobb jaqla l-'extras' billi jagħmel is-sara u anki xogħol ta' perikolu ("exceptional obnoxious work") li għalih hemm "allowances" speċjali. Wara l-inċident, kif ġa ntqal, hu beda ta' spiss jirrifjuta xogħol ta' perikolu, minħabba l-istat ta' saħtu.

Issa d-danni lin għandhom jiġu kkunsidrati huma l-ewwelnett it-telf u spejjeż attwali kaġunati mill-aċċident.

Dawna ġa kienu ġew likwidati mill-perit legali li kienet innominat l-ewwel Onorabbli Qorti.

Għall-telf ta' paga sa kemm l-attur dam l-isptar u mbagħad konvalexxenti d-dar ġiet likwidata s-somma ta' £60 18 9

Fuq din is-somma ma jidherx li hemm jew tqanqlet ebda kwistjoni.

Għat-telf ta' qliegħ ta' "allowances" għall-perijodu li l-attur dam nieqes minn fuq ix-xogħol ċioe sat-28 ta' Marzu, 1959, il-Perit Ġudizzjarju aċċetta x-xhieda ta' l-imgħallem Carmelo Camilleri u d-dokument minnu prodott u llikwida l-ammont ta' £13 16 0

Għall-perijodu posterjuri li jasal sal-preżentata taċ-ċitazzjoni l-Perit Ġudizzjarju llikwida s-somma ta' £2.9.0. L-attur fin-nota tiegħu kkritika din il-likwidazzjoni u sostna li kien imissu ġie akkordat l-ammont kollu ta' £4.18.0. imsemmi minn Carmelo Camilleri. Il-Qorti, pero, jidhrilha illi r-raġonament tal-Perit Ġudizzjarju kien sewwa u, għalhekk tapprova s-somma likwidata minnu, ċioe £2 9 0

Il-Qorti taqbel ukoll mal-Perit Ġudizzjarju illi għall-perijodu wara l-preżentata taċ-ċitazzjoni t-telf ta' allowances" ma għandux (f'dan il-każ) jidħol fil-kalkolu tat-telf attwali; iżda

għandu jittieħed f'kunsiderazzjoni fil-kalkolu tat-telf futur.

Taħt il-kap ta' "danni oħra" (ċioe oltre t-telf attwali ta' paga u allowances) il-perit Ġudizzjarju akkorda fl-ewwel lok £33. 0. 0. għal telf ta' ħwejjeġ ta' lbies u oġġetti personali oħra. Dan l-ammont ma jidher li ġie kritikat minn ebda parti u jidher ġust £33 0 0

L-attur ippretenda tliet partiti oħra ta' danni simili, ċioe

(i) £9.8.0. għall-spejjeż ta' taxi u buses għall-isptar li l-Perit akkorda £9 8 0

(ii) £2.9.5. għal mediċini li nxtraw għal martu u kura tagħha mħabba x-'shock' li ħadet bl-inċident. Il-Perit ma akkordax din il-partita u l-attur fin-nota tiegħu fuq imsemmija jidher li akkwieta ruħu għall-konklużżjoni tal-Perit.

(iii) £27.8.2. għal dieta extra meta kien l-Isptar. Anqas din il-partita ma ġiet akkordata mill-Perit Ġudizzjarju, u, nonostanti l-kritika magħmula mill-attur fin-nota tiegħu ġa ċitata. il-Qorti taqbel mal-Perit. Ir-raġuni prinċipali hija illi, ġa la darba għall-istess perijodu ġa ġiet akkordata lill-attur is-somma kollha tas-salarju u allowances li tilef. u ser tiġi akkordata wkoll is-somma kollha li hu jrid iħallas jew ġa ħallas għall-isptar, ma jidherx ġust illi hu jieħu wkoll ħlas għal dawn l-extras. Evidentement kieku hu ma korriex, mill-paga u allowances tiegħu kien

ikun irid imantni ruħu u jonfoq spejjeż għalih in-nifsu li hu (sija pure għal raġuni sfortunata għalih) iffranka.

| | |
|---|---|
| Kont ta' l-Isptar fis-somma ta' £47 ġie ġustament akkordat lill-attur | £47 0 0 |
| Għalhekk it-total ta' danni u spejjeż effettivi li għandhom jiġu kkalkolati, jammonta għal mija u sitta u sittin lira, ħdax-il xelin u disgħa soldi | £166 11 9 |

Fit-tieni lok għandu jiġi kkunsidrat l-ammont li għandu jiġi likwidat għal telf ta' qliegħ futur, u hawn li l-kwistjoni li l-akbar ġiet kontestata bejn il-partijiet.

Għandu qabel xejn jiġi rilevat illi, fiż-żmien li ġara l-inċident, il-liġi kienet għadha tiddisponi illi, ħlief fil-każ ta' ħsara kaġonata dolożament, l-ammont massimu li kien jista jingħata bħala kumpens għal telf ta' qliegħ futur minħabba inkapaċita permanenti, totali jew parzjali, kien elf, u mitejn lira (£1200). Provvidament il-liġi issa ġiet emendata u dak il-limiti ġie abolit.

Il-Perit Ġudizzjarju wasal għal konklużżjoni illi, konsiderati ċ-ċirkostanzi, l-ammont għandu jkun likwidat għalħames mitt lira (£500). Din il-konklużżjoni ġiet kritikata mill-attur fin-nota tiegħu fuq imsemmija, u aktar dettaljatament fin-nota tiegħu ulterjuri quddiem din il-Qorti. Minnaħa l-oħra l-konvenut issottometta illi s-somma m'għandiex tkun iżjed minn, ngħidu aħna, mitejn u ħamsin lira (250).

Kalkolu ta' telf ta' qliegħ futur hu dejjem diffiċli għax jiddependi, aktarx, wisq drabi, minn ċirkostanzi u kontinġenzi li ma jistgħux ikunu magħrufa b'sikurezza u fiddettal. Fil-każ preżenti wieħed għandu sgur iqis illi, qabel id-disgrazzja, l-attur kien żagħżugħ fl-aħjar tiegħu, apparentement b'saħtu għal kollox, bieżel u dilettant għaxxogħol, bil-għaqal u jħobb jistinka, bla ma jħobb jitlef opportunitajiet li jaħdem overtime u jidħol għax-xogħol ta' perikolu fejn kien jaqla l-extra allowances. Quddiem din il-Qorti ġie prodott statement li juri l-ħlasijiet għall-overtime u allowances li qala kull wieħed mill-membri ta' l-istess 'gang' ta' l-attur fis-snin mill-1959 sat-tnax (12) ta' Ġunju, 1964. Tant l-attur kemm il-konvenut għamlu diversi paraguni bejn dak li qala l-attur u dak li qalgħu l-oħrajn, il-wieħed ipprova jagħmel il-paragun ma dawk l-oħrajn li qalgħu l-iżjed, u l-ieħor aktarx ma dawk li qalgħu l-inqas jew, insomma, ma qalgħux mill-aktar. Il-Qorti taħseb li, ikun aktar realistiku u raġjonevoli illi l-paragun isir bejn l-'average' għall-perijodu kollu, tal-membri l-oħra kollha tal-"gang", u t-total ta' l-attur. Iżda l-Qorti tħoss illi mill-membri l-oħra tal-'gang', għall-finijiet ta' l-'average', għandhom jiġu esklużi tnejn, ċioe Carabott u Vella li, manifestament, kif juri l-prospett, m'humiex verament interessati fl-overtime u extras. Kif qal ix-xhud Paul Attard, l-overtime hu voluntarju u jaħdem min irid: pero hemm overtime bl-abbundanza f'dan it-trade. l-attur li, kif intqal, kien bieżel u ħabrieki għall-'extras' ma għandux jiġi paragunat ma dawk li ma riedux jaħdmu jew ma kienux interessati f'dan ix-xogħol: hu għandu u jista jiġi paragunat ma l-'average' ta' sħabu l-oħra li bħalu kienu ħabrieka u nteressati. L-average ta' dawk it-tmienja għall-perijodu kollu kopert bl-istatement huwa tmien mija u erbgħa u tmenin lira, disgħa xelin u sitt soldi (£884.9.6) fis-

sena jiġifieri mitejn u lira, żewġ xelini u żewġ soldi (£201. 2.2) aktar minn dak li qala l-attur, u dan f'perijodu ta' ħames snin u nofs. Jekk dan in-nuqqas fil-qliegħ 'extra' ta' l-attur jiġi attribwit għall-konsegwenzi tad-disgrazzja; jiġi illi hu qed jitlef 'grosso modo' xi sitta u tletin lira (£36) fis-sena. Dan, kif intqal, għal telf ta' "overtime and allowances".

Oltre dan, pero, l-attur xehed, mhux kontraddett; illi minħabba li sturdamenti li jatuh u l-inkonvenjenti l-oħra li għadu jbati minnhom, hu ġie li jkun kostrett li jfalli mix-xogħol u jitlef il-paga, xi drabi għall-ġurnata kollha u xi drabi għal sigħat, u pproduċa l-prospett li hu kkonferma bil-ġurament biex juri kemm falla mill-1959 u l-1962. Jekk wieħed jieħu 'average' ta', ngħidu aħna tmien liri (£8) fis-sena, jiġi illi b'kollox l-attur qed jitlef xi erbgħa u erbgħin lira (£44) fis-sena.

Ġa ntqal illi, l-attur meta ġie korrut kellu xi 22 sena biss. Jekk stess jitqies dak li qal il-Perit Psikjatra, illi jista jkun illi s-sintomi tan-newrosi, maż-żmien jistgħu jonqsu fl-intensita u l-frekwenza, il-Qorti, jidhrilha, b'dana kollu, li ma jkunx ġust li, għall-finijiet tal-kalkolu tat-telf futur, meqjus kollox ma kollox, jittieħed perijodu ta', ngħidu aħna, anqas min 20 sena. Likwidat fuq din il-bażi l-ammont ta' dak il-qliegħ għandu jitqies tmien mija u tmenin lira (£880).

B'kollox mela t-total tad-danni huwa elf u sitta u erbgħin lira (£1046) ċioe mija u sitta u sittin lira (£166) għal danni, spejjeż u telf, effettivi jew attwali, u tmien mija u tmenin lira (£880) telf ta' qliegħ futur.

Skond is-sentenza preċedenti tat-tnejn (2) ta' Marzu,

1964, minn dawn id-danni l-konvenut għandu jbati ¾ cioe sebgħa mija u erba' u tmenin lira (£784).

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi finalment mill-appell billi tilqa t-tieni talba ta' l-attur kontenuta fiċ-ċitazzjoni u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-istess is-somma fuq imsemmija ta' sebgħa mija u erbgħa u tmenin lira (£784). L-ispejjeż li għandhom jiġu ntaxxati, għall-finijiet ta' din id-domanda, fuq dan l-ammont, iħallashom il-konvenut.